MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 867/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J. Farrugia)
vs
Richard John Charles Cuschieri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 481789(M) akkuzat talli:

1. fit-23 ta’ Lulju 2005 ghal habta ta’ 17:35hrs waqt li kien fl-Isplash and Fun Park, Bahar ic-Caghaq volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u l-glied;
2. qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku;
3. hebb kontra Danielle Farrugia sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

4. hebb ghal Danielle Farrugia u kkagunalha offiza ta' natura hafifa skond ma ccertifikaw Dr. A. Drago MD u Dr. Grixti Soler MD ta' l-Emergenza u E.N.T fl-Isptar San Luqa rispettivament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi f'liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Fuq l-iskorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-akkuzat issibu hati. Rat l-Artikolu 221(1), 252(1), 216(2), 338(dd), 338(bb) u 17 tal-Kap 9. Ikkonsidrat in-natura tal-griehi ikkagunati. Tiddeciedi li tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u 50 Euro ammenda komplessivament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------